MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 231/2005

**Il-Pulizija**
**(Supt. N. Aquilina)**

**Vs**
**Michael Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, fid-9 ta' Jannar, 1996 u fis-sitt xhur ta' qabel din id-data, fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin,
1) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap. 101 tal-ligijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-

kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga w dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati w bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) fl-istess post, data w cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija w meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu w naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati w bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) u talli b'hekk ser jitqies recediv b'sentenza tal-Qorti li saret definittiva fl-24 ta' Marzu, 1995.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Gunju, 2005, li biha, wara li rat l-artikoli 17(h), 31(xiii), (xii), 41, 49 u 50 tal-Kap. 9, ir-4 u s-6 Taqsima, l-artikoli 22(1)(a),22(2)(b)(i), 22(1B) u 22(5) tal-Kap. 101, ir-regolamenti 4 u 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi tal-G.N. 292/1939 kif sussegwentement emendati, sabet lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni sal-grad ta' tentattiv kif deskritt fil-paragrafu 19, u hati tat-tieni w tat-tielet

imputazzjoni kif dedotti, u kkundannatu ghall-prigunerija ta’ seba’ (7) xhur kif ukoll ghall-hlas ta’ multa ta’ mitejn lira Maltija (LM200) liema multa ghandha tithallas fi zmien sitt xhur mill-lum. Fin-nuqqas ta’ hlas fiz-zmien moghti din tinbidel f’erbghin (40) jum habs.

Ai termini tal-artikolu 533, il-Qorti ordnat ukoll li l-imputat ihallas nofs l-ispejjez tal-espert mahtur mill-Qorti u dan ghax nofs l-ispejjez saru minhabba l-ko imputat l-iehor. L-ammont irid ikun determinat mir-Registratur tal-Qorti skond ir-records tal-hlas li dan ghandu. Ordnat ukoll id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-8 ta’ Lulju, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi minflok issibu hati ghat-tlett akkuzi migjuba kontrieh, tilliberah minnhom, u fi kwalunkwe kaz tirriduci l-piena moghtija fis-sentenza appellata.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti w cioe’ :- 1. li mhux minnu li l-appellant kien jaf li l-baskett destinat ghal Doreen Bugeja kellu fih id-drogi w kien ghal kollox inkonsapevoli tal-fatti. Dan irrizulta mix-xhieda tal-appellant u ta’ Raymond Bugeja, li qabel is-separazzjoni tal-gudizzju kien ko-akkuzat. Bil-fatt li l-appellant ghazel li ma jwiegeb ebda domanda fl-istqarrija tieghu, ma jista’ jkun hemm ebda inferenza ta’ htija. Illi x-xhieda tal-komplici ma hemmx ghalfejn tkun korroborata fil-kawzi tad-drogi u ghalhekk l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament xieraq tal-provi w d-dubju li nholoq bix-xhieda tal-appellant u ta’ Bugeja kellu jmur favur l-appellant. Ix-xhieda ta’ CO 5 setghet zvijat il-Qorti ghax inghatat l-impressjoni li l-appellant kien konsapevoli li qed jaghmel xi haga hazina w li pprova jahrab. 2. li d-droga allegatament misjuba fil-baskett ma gietx elevata fil-prezenza ta’ wiehed mill-imputati u l-appellant kien gie nfurmnat filghaxija b’ dak li kien instab fil-baskett. Dan

ukoll johloq dubju dwar dak li seta’ verament sar. 3 li l-piena ta’ seba (7) xhur prigunerija u ta’ LM200 multa hija irrizorja meta wiehed iqis l-ammont tad-droga misjuba u cioe’ 0.2772 grammi , ammont zghir hafna w l-purita’ tad-droga.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Ikkonsidrat;

**Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-fatti li sar mill-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f’dan is-sens “inter alia” l-Appell Kriminali : “**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.” **[12.5.94; “I**r-Republika ta’ Malta vs. George Azzopardi “ **[14.2.1989];** “il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace” **[31.5.1991]** ; “Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**” [31.5.1991] u ohrajn .**

"Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **"R. v. Cooper**" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

***"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."*** **(Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)**

**Illi din il-Qorti ghalhekk ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar xi wiehed miz-zewg imputazzjonijiet u l-addebitu tar-recidiva.**

Ikkonsidrat;

Illi ma hemm l-ebda dubju ragjonevoli f' mohh din il-Qorti li fil-qalziet li Raymond Bugeja baghat lill-appellant bieh il-habs biex dan jinghata lill-priguniera Doreen Bartolo kien hemm mohbija kwantita' ta' 0.2772 grammi eroina w li meta dan il-qalziet li kien ma oggett iehor t' ilbies go baskett gie konsenjat lill-ufficjali tal-habs civili ta' Kordin biex jigi spezzjonat, kien jikkontjeni dan l-ammont ta' droga. Dan jirrizulta abbondantement mid-depozizzjonijiet tad-diversi xhieda ufficjali tal-habs li xehdu dwar is-sekwenza tal-fatti relattivi. Ghalhekk it-tieni aggravju tal-appellant li ghax id-droga ma gietx elevata fil-prezenza tal-appellant , dan johloq dubju dwar dak li seta' veramet gara f' dan il-kaz, hu infondat. Di fatti jirrizulta li fil-

prezenza tal-appellant il-kelb tal-gwardjani kien diga beda jxammem il-baskett in kwistjoni u l-gwardjani insosspettaw ruhom mir-riha qawwija ta' sapun li kienet hierga minn gol-baskett minnufieh li dan kien gie konsenjat lilhom mill-appellant u ghalhekk kien hemm certa immedjatezza bejn il-konsenja tal-baskett mill-appellant u t-tfittxija fl-istess baskett mill-gwardjani w s-sejba tad-droga, ghalkemm sadattant l-appellant lahaq telaq il-barra.

Fejn jidher li hemm kontestazzjoni serja hu fl-element tax-xjenza li suppost kellu l-appellant li meta kkonsenja il-baskett lill-awtoritajiet tal-habs kien jaf li fil-qalziet kien hemm mohbija l-eroina.

Illi dan l-element tax-xjenza trid tippruvah il-prosekuzzjoni minghajr ma jkun hemm dubju dettat mir-raguni dwar l-ezistenza ta' din ix-xjenza. L-appellant mhu tenut li jipprova xejn u jekk l-appellant jaghmel xi prova fir-rigward, bizzejjed li din tkun accettabbli sal-grad tal-probabbli. Issa huwa minnu li hemm serje ta' cirkostanzi li gew elenkati mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata w li jitfghu suspett qawwi fuq l-appellant li hu kien konsapevoli ta' dak li kien qed jaghmel, izda s-suspett mhux prova.

L-appellant gustament jghid li mill-fatt li hu ghazel li ma jwiegeb ebda domanda waqt li kien qed jigi nterrogat, ma tista' tingibed ebda nferenza ta' htija kontra tieghu. Pero' l-Ewwel Qorti mkien fil-motivazzjoni tas-sentenza appellata ma gibdet xi inferenza simili. L-unika darba li fis-sentenza ssemma dan il-fatt kien meta l-Qorti kienet qed tirrijepiloga x-xhieda tas-Supratendent Neville Aquilina li xehed ukoll li l-appellant kien qallu verbalment li ma kienx jaf x' kien fih il-baskett. Ghalhekk din il-lanjanza tal-appellant hija infondata.

Zball iehor li ghandu l-appellant fir-rikors tieghu hu meta jiccita favur tieghu mis-sentenza "Il-Pulizija vs. Carmelo Camilleri" u jghid li "*F' kazijiet fejn si tratta ta' reati ta' droga , ix-xhieda tal-komplici ma hemmx ghalfejn tkun korroborata …*" Dan ghaliex il-pozizzjoni legali mhux semplici daqshekk u dik korretta hija dik li tohrog mill-artikolu 30 tal-Kap. 101 li jghid testwalment hekk :-

*"Minkejja d-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 639 tal-Kodici Kriminali meta persuna tkun xtrat jew xort' ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ix-xiehda ta' dik il-persuna fi procedimenti kontra l-persuna li minnghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-medicina , m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b' cirkostanzi ohra."* (emfasi ta' din il-Qorti).

Issa f' dan il-kaz ma jirrizulta bl-ebda mod li Raymond Bugeja xtara, kiseb jew akkwista xi medicina minnghand l-appellant u ghalhekk , ghalkemm jista' jirrizulta li "*prima facie"* l-pozizzjoni tieghu setghet kienet dik tal-komplici, fi procedimenti kontra l-appellant, xorta wahda x-xhieda ta' Bugeja trid tkun korroborata ghax ma taqax taht l-eccezzjoni ghall-principju generali li johorg mill-artikolu 639 fuq imsemmi.

Ikkonsidrat;

Li dan Bugeja xehed li l-appellant ma kienx jaf bil-prezenza tad-droga fil-qalziet li hu kien talbu li jikkonsenja lill-awtoritajiet tal-habs. L-Ewwel Qorti adduciet diversi argumenti biex tiskredita kemm ix-xhieda ta' Bugeja fir-rigward kif ukoll dik tal-appellant, pero' meta din il-Qorti gharblet bir-reqqa kollha dawn ir-ragunijiet , baqa' dejjem f' mohha dak il-*"lurking doubt"* , li seta' kien il-kaz li l-appellant verament ma kienx jaf bil-prezenza tad-droga fil-qalziet u li gie uzat minn Raymond Bugeja biex jeffettwa l-konsenja ad insaputa tieghu.

Illi fl-istat tal-provi tal-prosekuzzjoni, ghalkemm dawn jistghu jiggeneraw grad gholi ferm ta' suspett li l-appellant seta' kien jaf li kien qed jikkonsenja d-droga, din il-Qorti ma tistax tghid li dan is-suspett jittraduci ruhu f' dik ic-certezza morali li trid il-ligi biex tinstab htija fil-kamp kriminali. Ghalhekk din il-Qorti thoss li ma jkunx *"safe and satisfactory"* li tibqa' treggi d-dikjarazzjoni ta' htija fir-rigward tal-appellant fl-istat tal-provi li hu dak li hu.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------